Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAS- SITT' LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 20 ta' Ġunju 2012

**Ħin:** Mill-5.15pm sat-7.40pm

**Prezenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħames laqgħa tas-Seba' Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Ħames laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Ġunju 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier G. Borg talab li ssir korrezzjoni *f'item 3* fejn irid jissemma l-Kunsillier Desmond Zammit Marmara u mhux is-Sur J.Cassar kif ukoll f'*item* nru 4 irid jiżdied il-vot tas-Sindku li tħalla barra mill-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur S. Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ittra lil Transport Malta dwar il-parking bays u pparkjar residenzjali ntbagħtet għal kunsiderazzjoni tagħhom. Is-Segretarju kkonferma wkoll li kien hemm xi linji sofor li mill-koxxa tal-garage fuq kull naħa kienu iżjed minn metru. Hawnhekk is-Sindku esiġa, bl-approvazzjoni tal-Kunsill li dawn il-linji jiġu miżbugħa skont il-liġi.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fir-rigward tal-attivita' organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ Balzan li ser issir nhar l-Erbgħa 4 ta' Lulju 2012, il-Viċi Kappillan f'isem il-Kummissjoni kien qed joġġezzjona li din issir fi Triq Annunzjata u li din għandha ssir fil-Pjazza. Is-Sindku kien infurmat b'dan fejn informa lis-Segretarju biex joħroġ il-permess. Huwa rrimarka u talab li l-Viċi Kappillan jiġi infurmat li kieku l-Kunsill ġie mgħarraf minn ħafna qabel u mhux fl-aħħar ġimgħat kien isiru b'mod aktar aħjar l-arranġamenti meħtieġa.

Il-Kunsillier G. Borg qal li għal din id-darba għandu jingħata permess pero' s-sena d-dieħla il-Kunsill jekk ma jiġix mgħarraf minn ħafna qabel il-Kunsill għandu jibqa' sod ma' kull deċiżjoni li tista' tittieħed. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara stqarr li kien ikun aħjar li jittieħed vot

fuq dan għax inkella jkun qed jintbgħat messaġġ hemm barra li l-Kunsill huwa sottomess għal kull tip ta' deċiżjoni li tittieħed minn ħaddieħor u jkollu jbaxxi rasu għal dik id-deċiżjoni. Is-Sur Desmond Zammit Marmara' talab lis-Segretarju biex fil-minuti jitniżżel li huwa ma jaqbilx ma din id-deċizjoni u li kien għaliħ din l-attivita' ma ssirx fil-Pjazza. Dan mhux għax hu kontra attivitajiet bħal dawn iżda għaliex kien inqabeż il-Kunsill Lokali li huwa l-ogħla awtorita` pubblika f'Ħal Balzan wara l-Gvern Ċentrali.

Is-Sindku hawnhekk iddikjara li l-uniku raġuni għalfejn ta dawk l-istruzzjonijiet lis-Segretarju u ġibed l-Kunsill miegħu kienet li saru l-pjanijiet mingħajr ma ġie nfurmat il-Kunsill x'kien ser isir f'din l-attivita' u fl-aħħar mument nippretendu li l-Kunsill jaċċetta l-affarijiet li huma diġa' fatti. Fil-prinċipju huwa jaqbel mas-Sur Zammit Marmara imma bħala Sindku ġie f'posizzjoni li ġabet lilu darhu mal-ħajt u bħala Kunsill noġġezzjonaw għal kif saru u ġew imposti fuqna d-deċiżjonijiet li ttieħdu minbarra l-Kunsill.

Il-Viċi Sindku tkellem fuq is-siġar tal-ficus li jinsabu f'Wied Ħal Balzan fejn ssuġerixxa li bil-permess tal-MEPA wara konsultazzjoni ma' l-ELC jiġu riallokati f'post ieħor u jinzertaw x'imkien ieħor. Is-Sindku sostna li aħjar nieħdu parir ta' l-esperti fuq dan is-suġġett u qal lis-Segretarju biex ssir laqgħa mas-Sur Alfred Baldacchino ex konsulent tal-MEPA kif ukoll lis-Sur Andre Vella ambjentalist biex issir laqgħa biex jagħtu l-opinjoni tagħhom

**3. <u>Diskussjoni u l-aġġudikazzjoni tat-Tenders B.R. 1/12 u P.C. 1/12</u>**

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill r-rapport mħejji mill-Bord ta' L-Aġġudikazzjoni dwar l-aktar offerta favorevoli mis-sitt offerti mitfugħa għat-Tindif u Żamma tal-Latrina Pubblika ( P.C. 1/12) kif ukoll dwar l-erba' offerti li ntefgħu fuq is-servizz tal-Ġbir ta' Skart Goff ( B.R. 1/12).

Is-Sindku qal li skont l-offerti mitfugħa l-aktar offerta vantaġġjuża f'dak li jirrigwarda P.C. 1/12 kienet tas-Sur Terence Farrugia għas-somma ta' € 5000 fis-sena wara li l-irħas offerta ta' € 4992 kellha tiġi mwaqqa' għaliex kellha informazzjoni nieqsa fosthom in-"*Non Collusive Tender Form"* u informazzjoni tal-prodotti ser jiġu wżati għal fini tal-*Green Public Procurement.*

Il-Viċi Sindku s-Sur J. Galea talab lis-Segretarju li jrid jara' t-Tender ta' Terence Farrugia. Huwa rrimarka li fil-lista ta' prodotti kien hemm dak ta' Grizol li mhumiex konformi ma' l-*istandards* ta' l-EU u għalhekk għandha tiġi mwaqqa. Is-Sindku rrimarka li ħadd minn dawk li tefgħu l-offerti ma speċifikaw b'mod dettaljat il-prodotti li ser jintużaw u għalhekk il-Bord qed jirrakkomanda li l-persuna li ħa tingħata l-għotja tat-Tender għandha tippreżenta l-prodotti li ser jintużaw għal dan is-servizz u l-prodotti kollha jrid ikollhom ċertifikazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea. F'kaz li huma mhux lesti li jagħmlu dan il-Kunsill għandu jmur għall-irħas offerta li jmiss. Il-Viċi Sindku kompla jsostni li la darba ħadd minnhom ma ikkonforma ma dan, l-offerti għandhom jiġu meqjusa invalidi u toħroġ sejħa oħra.

Hawnhekk il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni għal vot fejn huwa kien qed jipproponi li fid-dawl tal-fatti la ħadd minnhom ma speċifika dawn il-prodotti għandha terġa toħroġ sejħa għall-offerti. Fuq kontramozzjoni s-Sindku kien qed jipproponi li l-Kunsill għandu jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u mmorru fuq l-irħas offerta eliġibbli u skont il-Kuntratt għandhom jintużaw dawk il-prodotti li għandhom ċertifikazzjoni tal-EU kif mitluba fil-Green Public Procurement. F'każ li l-Kuntrattur ma jottemporax il-Kunsill imur għall-offerta li jmiss.

L-ewwel ittieħed vot fuq il-mozzjoni tal-Viċi Sindku is-Sur J. Galea fejn ivvutaw favur is-Sur J. Galea u kontra is-Sur John Zammit Montebello, is-Sur Stephen Gatt, is-Sur Desmond Zammit Marmara u s-Sur Guido Borg. Il-mozzjoni ma għaddietx. Wara ittieħed vot fuq il-kontromozzjoni tas-Sindku fejn ivvutaw favur is-Sur John Zammit Montebello, is-Sur Stephen Gatt, is-Sur Desmond Zammit Marmara u s-Sur Guido Borg u kontra vvota is-Sur Joe Galea. Il-kontromozzjoni tas-Sindku ġiet approvata u għalhekk l-offerta ingħatat lis-Sur Terence Farrugia.

Fir-rigward ta' l-għoti tat-Tender ta' l-Iskart Goff (B.R.1/12) il-Bord mar għall-irħas offerta li kienet tas-Sur Lino Micallef għal prezz ta' € 2.60 kull ġabra. Is-Sindku spjega li apparti li kienet l-irħas offerta, l-offerenti kien qed jiddkjara li ser juża vettura li hija EURO IV *compliant* u dan

jagħti valur miżjud. Il-Viċi Sindku rrimarka li għandu ċertu riservi fuq dan għaliex ma jistax ikun li b'offerta ta' € 2.60 kull ġabra jista' jingħata servizz mill-aqwa. Huwa qal li kultant l-irħis jiġik għali. Is-Sindku wieġeb li kif kulħadd jaf il-Kuntrattur ikollu tlett xhur *probation* u f'kaz li s-servizz ma jkunx qed jingħata sew, il-Kunsill iżomm id-dritt li jittermina l-kuntratt. Il-Kunsill approva l-għoti tat-Tender lil Lino Micallef.

**4 & 5 Diskussjoni dwar il-Proġett ta' Wied Ħal Balzan iffinanzjat mill-UIF tal-Mepa kif ukoll dwar l-istimi għal xogħolijiet ta' asfaltar u pavimentar- PPP**

Is-Sindku beda biex qal li parti mill-fondi allokati mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kull sena jridu jintużaw għal manutenzjoni fit-toroq. Kien hemm ħafna suġġerimienti biex il-Kunsill jidħol għal l-iskema tal-Public Private Partnership kif ukoll kritika għalfejn dan ma sarx diġa' bħal ma għamel il-Kunsill ta' Ħal Lija. Huwa qal li ma rridux ninsew li l-proġett tat-tisbiħ tal-Pjazza beda ftit xhur ilu u l-Kunsill irid jieħu ħsieb il-fondi finanzjarji li għandu f'idejħ u jara li jibqgħu fuq sisien sodi. Issa li nafu fejn qegħdin, il-Perit tal-Kunsill ġie mqabbad biex jipprepara xi stimi fuq xogħol ta' asfaltar fi Triq Guże Bonniċi, Triq Antonio Micallef u Triq l-Għerusija.

Il-Kunsill talbu jipprepara żewġ stimi, waħda b'rati normali u l-oħra taħt l-iskema tal-PPP. Id-differenza fuq dawn it-tnejn tlaħħaq s-somma ta' € 83,804. Ir-raġuni hi li bil-PPP, il-Kuntrattur jitħallas fuq medda ta' disa' snin u hemmhekk jiġu kkalkulati l-interessi. Għal dan il-piz, il-Kunsill ma jiflaħx li joħroġ din id-differenza kollha. Apparti minn hekk, is-Sindku sostna li personalment bħala Sindku ma jħossux komdu li jħalli d-dejn lil Kunsilli li jiġu warajħ. Huwa jemmen li l-Kunsill għandu ċertu fondi mwarrbin li kapaċi fit-tlett snin li ġejjin ikun jista' jsir dan ix-xogħol mingħajr il-PPP.

Fuq dan il-binarju s-Sindku kien qed jissuġerixxi li bil-fondi tiegħu jsiru t-toroq Guze Bonnici u Triq l-Għerusija, kif ukoll semma li mill-fondi allokati mill-MEPA li jammontaw għas-somma ta' € 71,000 isir il-pavimentar ta' Wied Ħal Balzan li jibda mid-Dolphin Centre saċ-ċimiterju.

Huwa qal li dan huwa biss proponiment u fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss kull Kunsillier għandu jevalwa din il-proposta u jiddiskuti xi proposti oħra li jidrilhom li għandhom jiġu diskussa.

**6 Korrispondenza**

**Ittra Nru 1969 u 1964/12**: Oġġezzjoni minn resident għall-iżvilupp ta' Blokka Flats fi Triq San Gabriel kantuniera ma' Triq San Franġisk (PA 6858/04), kif ukoll id-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell tal-MEPA. Għandha tinkiteb ittra lill-MEPA fejn jiġu sottomessi mistoqsijiet mill-Kunsill magħmula lill-Bord għad deċizjoni li ttieħdet minnha.

**Ittra Nru 1968/12**: MEMO 27/2012-Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal-Korsijiet Life Long Learning. Il-Kunsill iddeċieda li japplika.

**Ittra Nru 1961/12**: Talba minn resident biex jitwaħħlu bolards quddiem il-garage. Ħa tinkiteb ittra lill-Transport Malta għall-approvazzjoni.

**7 Komunikazzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku fakkar fil-laqgħa li ser ssir nhar is-Sibt 23 ta' Ġunju 2012 mal-Pulizija u l-Għaqdiet li ħa jkollhom konnessjoni mal-Festa ta' Marija Annunzjata

**8 Rapport dwar L-Ilmenti**

**Ilment Nru. 17012074169664:** Ilment biex il-bozoz R001 u R002 li qegħdin fuq iz-zuntier tal-Knisja jiġu rranġati. Għandhom jiġu mgħarrfa l-Kuntrattur biex jiċċekkja u jara x'hemm bżonn isir.

**Ilment Nru 17012049168106**: Suġġeriment biex issir bankina jew jitqegħdu pots kbar bejn

Wied Ħal Balzan u Triq it-Tlett Knejjes. Is-Segretarju ħa jkellem il-Kuntrattur biex jara x'inhi l-problema tal-knis hemmhekk.

**Ilment Nru. 17012016168254:** Suġġeriment biex terġa' ssir ġabra ta' ħwejjeġ użati. Il-Kunsill ser ikellem l-organiżżaturi tas-sena l-oħra biex jara tistax terġa ssir.

**Ilment Nru. 17012090168548:** Tiġbed l-attenzjoni sabiex il-Kunsill fit-tisbieħ tal-Pjazza il-pavimentar ikun lixx. Il-Proġett li qed isir għandu l-approvazzjoni tal-MEPA inkluż il-materjal li qed jiġi wżat.

**Ilment Nru. 17012058168653:** Resident ilmenta li l-istatwa ta' Dun Gwann Hammet li l-bażi ta' l-irħama tiegħu qiegħed fi stat ħazin kienet tpoġġiet mill-Kunsill u għandha tiġi rranġata. Il-Kunsillier is-Sur G.Borg tkellem fuq dan is-suġġett għax kien involut f'dan il-proċess u kkonferma li dan ix-xogħol kien sar mill-Każin tal-Banda San Gabriel u mhux mill-Kunsill

**Ilment Nru. 17012055168734:** Għandha titwaħħal mera fi Triq l-Imdina kantuniera ma' Triq San Franġisk. Is-SE ħa jikteb lil Transport Malta għall-approvazzjoni.

**Ilment Nru. 17012042168814:** Residenta qed tilmenta li karrozzi tilgħin minn Triq il-Kannizzata għal Triq il-Ferrovija l-Qadima qed isuqu b'sewqan eċċessiv u għandu jsir xi ħaġa biex jiġi evitat xi inċident. Il-ħaddiema tal-Kunsill ser jagħmlu *refresh* tas-sinjali eżistenti

## 9 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' *Petty Cash*

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sal-20 ta' Ġunju 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 21,125.52

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt li kien issekondat mis-Sur Guido Borg. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

## 10 Affarijiet Oħra

Ma kienx hemm affarijiet oħra

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar L-Erbgħa, 25 ta' Lulju 2012 fl-16.00pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data